AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema 10% Depożitu fuq Konvenju għax-Xiri ta' Proprjetà 2020

B'referenza għall-Iskema 10% Depożitu fuq Konvenju għax-Xiri ta' Proprjetà ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Ġunju 2020, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel din l-emenda:

1. Temenda Klawsola 1 biex taqra kif ġej:

Il-Bank soġġett li jiġu sodisfatti l-kriterji kollha tiegħu, ser jagħti self sa massimu ta' €250,000 sabiex tinxtara proprjetà fi stat *finished* u abitabbli, jew fi stat shell li tista' titlesta għal stat abitabbli iżda dan biss fejn l-ispiża totali tax-xiri u l-*finishing* ma teċċedix €250,000 u ċioe' self sa €25,000 fuq il-konvenju u self ulterjuri sa €225,000 fuq il-kuntratt biex iż-żewġ loans f'daqqa ma jkunux jeċċedu €250,000.

2. Temenda Klawsola 2 sub-klawsoli (f) u (g) biex jaqraw kif ġej:

(f) "personal loan" tfisser id-depożitu ta' 10% fuq il-konvenju li m'għandhiex jeċċedi €25,000;

(g) "home loan" tfisser is-self tal-kumplamnet ta' 90% biex jiffinanzja x-xiri tal-proprjetà li fiha is-self m'għandux ikun aktar minn €225,000;

3. Temenda Klawsola 3 sub-klawsoli (a), (b), (d), u (f) biex jaqraw kif ġej:

(a) L-Awtorità tad-Djar tiffinanzja l-imgħax kollu fuq il-Personal loan provdut mill-Bank li jkopri id-depożitu ta' 10% fuq l-iffirmar tal-konvenju (massimu €25,000) għax-xiri tal-proprjetà li m'għandhiex teċċedi il-prezz ta' €250,000.

(b) Suġġett ukoll li l-applikant jissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità tal-Awtorità tad-Djar kif ukoll il-kriterji ta' eliġibilità, kredibilità u diliġenza kif ukoll kriterji oħra tal-Bank, il-Bank inoltre ser jagħti *home loan* biex ikopri 90% oħra tal-prezz u b'hekk biex iffinanzja x-xiri tal-proprjetà liema self (*home loan*) m'għandux ikun aktar minn €225,000. Il-Bank ser jagħti ukoll self biex ikopri d-depożitu ta' 10% fuq il-konvenju. Is-self fuq id-90% se jkun għal perjodu li ma jaqbiżx l-erbgħin (40) sena sakemm il-faċilità tas-self titħallas lura flimkien mall-interessi fuqha u sakemm l-applikant, jew l-akbar wieħed mill-applikanti fil-każ tal-faċilitajiet konġunti, jilħaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) liema minnhom tiġi l-ewwel.

(d) Applikazzjonijiet għax-xiri ta' proprjetà li teċċedi €250,000 f'valur, ma jiġux ikkunsidrati. L-Awtorità tad-Djar tirriżerva d-dritt li tispezzjona l-proprjetà biex taċċerta ruħha

HOUSING AUTHORITY

Scheme on 10% Deposit for the Purchase of a Property 2020

With reference to the Scheme on 10% Deposit for the Purchase of a Property 2020 published in the Government Gazette of the 5th of June 2020, the Housing Authority wishes to effect the following amendment:-

1. Emend clause 1 to read as follows:-

The Bank, subject to all Bank's criteria being satisfied, will be granting applicant a maximum loan up to €250,000 to purchase a property in finished and habitable state or in shell form state which can be rendered to a habitable state at the total expense of €250,000, that is loan up to €25,000 on the promise of sale and further loan up to €225,000 on the deed so that the two loans together do not exceed €250,000

2. Emend clause 2 sub-clauses (f) and (g) 1 to read as follows:-

(f) the word "personal loan" means the 10% deposit on the promise of sale which should not exceed €25,000;

(g) the word "home loan" means the 90% of the remaining loan to finance the purchase of the property which loan should not exceed €225,000;

3. Emend clause 3 sub-clauses (a), (b), (d) & (f) to read as follows:-

(a) The Housing Authority will finance all interest incurred on the personal loan granted by the Bank and covering 10% down payment on the signing of the promise of sale (maximum €25,000) for the purchase of the property which should not exceed €250,000

(b) Also subject to the applicant satisfying the eligibility criteria of the Housing Authority as well as the eligibility criteria, creditworthiness and due diligence parameters and criteria of the Bank, the Bank will be granting a home loan to cover the remaining 90% on the price to finance the purchase of the property which loan should not exceed €225,000. The Bank will also grant a personal loan to cover the 10% deposit on the promise of sale. The loan on the 90% will be for a term not exceeding forty (40) years provided that the loan facility is fully repaid together with interest thereon by the time the applicant, or the elder of the applicants in the case of the joint facilities, reaches the age of sixty five (65), which ever comes first.

(d)Applications for the purchase of property exceeding €250,000 in value, will not be considered. The Housing Authority reserves the right to inspect the property to

dwar l-valur tagħha u u tista tirrifjuta applikazzjonijiet anke fuq din il-bażi. Id-deċizjoni u diskrezzjoni tal-Awtorità tad-Djar dwar dan tkun finali u insindakabbli.

(f) Il-proprjetà, li għandha tinxtara mill-applikant, għandha tkun mibnija jew tinbena skont ir-regolamenti tal-bini u l-permessi tal-ippjanar, tkun fi stat lest u abitabbli, jew *shell* sakemm il-prezz tax-xiri u l-ammont tal-*finishings* neċessarju ma jaqbiżx €250,000.

4. Temenda Klawsola 9 sub-klawsoli (d) biex jaqraw kif ġej:

(d) L-Applikant m'għandux ikollu assi kapitali ta' aktar minn €25,000;

5. Temenda Klawsola 11 sub-klawsola (c) biex jaqraw kif ġej:

(c) l-assi kapitali tal-applikant ikunu jaċċedu €25,000 fid-data tal-applikazzjoni taħt din l-iskema;

Id-9 ta' Jannar, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema ta' Restawr ta' Djar Battala għall-Kiri

B'referenza għall-Skema Restawr ta' Djar Battala għall-Kiri ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Frar 2018, l-Awtorita' tad-Djar tixtieq tagħmel is-segwenti amendi:-

Temenda Klawsola 3 sub-Klawsola (b) biex taqra kif ġej:-

3. Applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt din l-Iskema

(b) L-għajnuna mogħtija taħt din l-Iskema tikkonsisti f'għotja sa massimu ta' erbgħin elf Ewro (€40,000).

Temenda Klawsola 5 sub-Klawsola (a), (c) biex taqra kif ġej:-

5. Għotja għal xogħol ta' Restawr

(a) L-Għotja ta' flus għar-restawr sa massimu ta' €40,000 tingħata biss għal skop li tassisti sidien jagħmlu xogħol ta' restawr fi proprjeta', sabiex tali' proprjeta' tiġi konvertita f'livell aċċettabli għal skop ta' residenza u fuq xogħlijiet relatati ma:-

(c) L-għajnuna ta' flus għal xogħlijiet ta' restawr approvata taħt din l-iskema m'għandhiex teċċedi l-ispiża totali u

ascertain its value and may reject applications even on this basis. The decision and discretion of the Housing Authority on this would be final and unquestionable.

(f)The property, which is to be purchased by the applicant, should be built in accordance with building regulations and planning permits, be in a finished and habitable state, or in shell form as long as the purchase price and the amount of the necessary finishing do not exceed €250,000.

4. Emend clause 9 sub-clauses (d) to read as follows:-

(d) applicant should not possess assets exceeding €25,000;

5. Emend clause 11 sub-clause (c) to read as follows:-

(c) assets exceed the amount of €25,000 on date of application under this scheme;

9th January, 2026

HOUSING AUTHORITY

Scheme for the Rehabilitation of Vacant Dwellings for Rent

With reference to the Scheme for the Rehabilitation of Vacant Dwellings for Rent published in the Government Gazette of the 20th February 2018, the Housing Authority wishes to amend the following clauses:-

Amend Clause 3 sub-clause (b) to read as follows:

3. Applications to benefit under this Scheme

(b) The benefit available under this Scheme shall consist of a cash grant up to a maximum of twenty five thousand Euros (€40,000).

Amend Clause 5 sub-clause (a) & (c) to read as follows:

5. The Rehabilitation Grant

(a) The rehabilitation grant of a maximum of €40,000 may be granted only for the purpose of assisting the applicant in carrying out the rehabilitation of the dwelling in order to render it up to standard for residential purposes and for works related to:-

(c) The rehabilitation grant approved under this Scheme shall not exceed the total reasonable costs of the works to be

raġonevoli tax-xogħlijiet li għandhom isiru bl-approvazzjoni tal-Awtorita' u f'kull każ m'għandhiex teċċedi s-somma ta' €40,000.

Temenda Klawsola 9 sub-Klawsola (c) biex taqra kif ġej:-

9. Kundizzjonijiet tal-Iskema

(c) L-għotja massima taħt din l-iskema tkun dik ta' €40,000.

Id-9 ta' Jannar, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Benefiċċju tal-Kera f'Residenzi Privati (2019)

B'referenza għall-Iskema Benefiċċju tal-Kera f'Residenzi Privati ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Frar 2019, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel din l-emenda:

Temenda Klawsola 13 biex taqra kif ġej:

13. Benefiċċju fuq il-Kera

(i) Il-benefiċċju fuq il-kera jkun ibbażat fuq id-dħul annwu kif ukoll il-kera mħallsa mill-applikanti. It-tabella t'hawn taħt tindika l-kategorija ta' applikanti li jistgħu japplikaw taħt din l-iskema, id-dħul massimu taħt kull kategorija kif ukoll l-ammont massimu ta' benefiċċju kull applikant ikun intitolat għalih:

Kategorija	Membri tal-familja	Dħul Massimu	Benefiċċju Massimu
1	Persuna Waħedha	€21,900	€4,200
2	Ġenitur Wieħed b'wild wieħed	€22,100	€5,400
3	Ġenitur Wieħed b'żewġ ulied jew aktar	€26,500	€6,000
4	Żewġ Adulti mingħajr tfal	€22,100	€4,200
5	Koppja b'wild wieħed	€26,900	€5,400
6	Koppja b'żewġ ulied jew aktar	€34,900	€6,000
7	Tlett Adulti jew aktar jgħixu flimkien	€31,000	€6,000

carried out as approved by the Authority, and in each case shall not exceed the sum of €40,000;

Amend Clause 9 sub-clause (c) to read as follows:

9. Conditions for the Scheme

(c) The maximum grant under this is scheme is €40,000;

9th January, 2026

HOUSING AUTHORITY

Housing Benefit On Privately Rented Dwellings (2019)

With reference to the Housing Benefit On Privately Rented Dwellings Scheme published in the Government Gazette of the 1st of February 2019, the Housing Authority wishes to effect the following amendment:

Clause 13 to read as follows:

13. Housing benefit

(i) The benefit shall be based on the annual income of the applicants together with the rent being paid by them. The following table indicates the various categories of applicants who can benefit from this scheme, their maximum income permitted together with the maximum amount of housing benefit these applicants are entitled to:

Category	Households	Maximum Annual Income	Maximum Housing Benefit
1	Single Person	€21,900	€4,200
2	Single Parent with 1 child	€22,100	€5,400
3	Single Parent with 2 children and more	€26,500	€6,000
4	Two Adults without children	€22,100	€4,200
5	Couple with 1 child	€26,900	€5,400
6	Couple with 2 children and more	€34,900	€6,000
7	3 or more adults living together	€31,000	€6,000

Iżżid is-segwenti klawsoli mall-Iskema:

Assistenza lill-Vittmi ta' Vjolenza Domestika – L-Għan tal-Inizjattiva

Din l-inizjattiva sservi bħala miżura ta' prevenzjoni sekondarja kontra l-vjolenza domestika, u tgħin b'mod partikolari lill-vittmi li għadhom jgħixu mal-aggressur u li jsibu diffikultà biex jaċċessaw akkomodazzjoni soċjali minħabba proċeduri legali ta' separazzjoni li għadhom għaddejjin. L-applikazzjonijiet jiġu vvalutati bl-użu ta' approċċ iċċentrat fuq is-superstiti, infurmat mit-trawma, ibbażat fuq il-vulnerabbiltà, il-livell ta' riskju, u l-ħtieġa ta' akkomodazzjoni. Social Workers mis-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika tal-Aġenzija Appoġġ u l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità jissottomettu applikazzjonijiet lill-Awtorità tad-Djar ibbażati fuq il-valutazzjonijiet tagħhom, u dokumenti biss datati fi żmien sitt xhur mill-applikazzjoni jiġu kkunsidrati validi. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li:

a. Tnaqqas ir-riskju li l-vittmi jerġgħu jiġu vittmi waqt il-proċess tas-separazzjoni

b. Tipprevjeni lill-vittmi milli jerġgħu jmorru lura għand l-aggressur

c. Tnaqqas ir-riskju li vittmi ta' vjolenza domestika jispiċċaw bla dar

d. Tgħin lill-vittmi jerġgħu jiksbu l-indipendenza u l-kontroll fuq ħajjithom f'ambjent tad-dar sigur

Kriterji ta' Eliġibbiltà

Il-kriterji ta' eliġibbiltà huma kif ġej:-

a. Vittmi ta' vjolenza domestika

b. Età - L-applikant għandu jkollu 18-il sena jew aktar biex ikun jista' japplika għal din l-iskema.

c. Status ta' residenza

ċittadin ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea

ċittadin ta' pajjiż terz bi status ta' refuġjat, persuna igawdi minn stat ta' refuġjat, jew jgawdi minn protezzjoni sussidjarja jew jipposjedi stat ta' long term residence jew specific authorisation.

Komputazzjoni tal-Benefiċċju

L-Awtorità tad-Djar għandha tutilizza l-informazzjoni interna eżistenti tagħha dwar il-kera, maqsuma skont in-numru ta' kmamar tas-sodda u l-lokalità, biex tistabbilixxi livelli ta' benefiċċju ta' limitu massimu. Dawn il-parametri referenzjarji ser jiġu ppubblikati kull sena u applikati b'mod uniformi, biex

Add the following clauses to the Scheme:

Assistance to Victims of Domestic Violence – Aim of the Initiative

This initiative serves as a secondary prevention measure for domestic violence, specifically assisting victims still living with the perpetrator who face challenges accessing social housing due to ongoing legal separation proceedings. Applications are assessed using a survivor-centred, trauma-informed approach based on vulnerability, risk level, and housing need. Social workers from the Domestic Violence Unit of Aġenzija Appoġġ and the Active Ageing and Community Care submit applications to the Housing Authority based on their assessments, and only documents dated within six months of the application will be considered valid. This initiative aims to:

a. Reduce the risk of re-victimisation during the separation process

b. Prevent victims from returning to the perpetrator

c. Decrease the risk of homelessness among victims of domestic violence

d. Support victims in regaining independence and control over their lives in a safe home environment

Eligibility Criteria

The eligibility criteria are as follows:-

a. Victims of domestic violence

b. Age - Applicant should be 18+ to be able to apply for this scheme.

c. Residence status

Maltese or EU citizen,

Third country national with a refugee status, a person who possess the status of subsidiary protection, who enjoys a long term residence status or who enjoys a specific residence authorisation.

Financial Support Computation

The Housing Authority shall utilise its existing internal rental data, disaggregated by number of bedrooms and locality, to establish standardised capping levels. These benchmarks will be published annually and applied uniformly, ensuring fairness, transparency, and cost control. All contracts should

jiżguraw il-ġustizzja, it-trasparenza, u l-kontroll tal-ispejjeż. Il-kuntratti kollha għandhom jiġu rreġistrati mal-Awtorità skont l-Att dwar il-Kirijiet Residenzjali Privati, Kapitolu 604. L-ammont limitat għal kull applikazzjoni għandu jkun dak indikat fit-Tabella ta' hawn taħt:

Kategorija	Membri tal-familja	Dħul Massimu	Benefiċċju Massimu
1	Persuna Waħedha	€21,900	€850
2	Persuna Waħedha b'wild wieħed	€22,100	€1,000
3	Persuna Waħedha b'żewġ ulied	€26,500	€1,150
4	Persuna Waħedha bi tliet ulied jew aktar	€34,900	€1,300

Abbażi tal-kalkolu tal-benefiċċju, issir ħlas ta' l-ewwel kera u depożitu darba biss. Il-ħlasijiet mensili tal-ammont stabbilit jitħallsu lill-applikant biex ikun żgurat li l-ħlas lill-proprjetarju jsir fil-ħin.

Proċess tal-għażla

L-Awtorità tad-Djar se tuża qafas ta' ħidma simili għal dak tal-Iskema tal-Benefiċċju tal-Kera, iżda tibqa' topera b'mod indipendenti minn din l-iskema.

Monitoraġġ u Evalwazzjoni

Applikanti li jkunu jibbenefikaw jiġu approvati formalment biex jirċievu l-għajnuna taħt din l-iskema. Wara, l-Awtorità tad-Djar tamministra l-għajnuna finanzjarja skont il-kriterji ta' eliġibbiltà kkonfermati minn Aġenzija Appoġġ. L-għajnuna approvata tkun valida għal sena mid-data tal-bidu tal-ħlasijiet lill-applikant. Wara d-disa' (9) xahar issir reviżjoni professjonali mmexxija minn Aġenzija Appoġġ, biex terġa' tiġi evalwata l-eliġibbiltà. Abbażi ta' din ir-reviżjoni, il-klijent jista' jkun soġġett għal:

a. Tiġdid sħiħ għal massimu ta' sena oħra ta' għajnuna finanzjarja;

b. Tnaqqis ta' 50% fl-ammont stabbilit, skont is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika attwali tal-klijent;

c. Twaqqif tal-benefiċċju, jekk ma jibqax meħtieġa;

d. Riferiment jew prijoritizzazzjoni għal akkomodazzjoni soċjali fit-tul.

be registered with the Authority as per Private Residential Leases Act, Chapter 604. The capped amount per application shall be that indicated in Table below:-

Category	Households	Max. Annual Income	Max. benefit/ month
1	Single Person	€21,900	€850
2	Single Parent with 1 dependent	€22,100	€1,000
3	Single Parent with 2 dependents	€26,500	€1,150
4	Single Parent with 3 dependents and more	€34,900	€1,300

Based on the financial support computation, a one-time deposit and 1st rent shall be made. The benefit shall be paid on monthly basis to the applicant to ensure timely payment to the landlord.

Selection process

The Housing Authority shall adopt a similar operational framework to that of the Housing Benefit Scheme, whilst retaining operational independence from the latter.

Monitoring & Evaluation

Successful applicants shall be formally approved for support under this scheme. The Housing Authority will subsequently administer the financial support in line with the eligibility criteria confirmed by Aġenzija Appoġġ. Approved support will be valid for a period of one year from the date of commencement of payments to the applicant. A professional review shall be carried out during the ninth (9th) month, led by the Aġenzija Appoġġ to reassess eligibility and update the prioritization criteria. Based on this review, the client may be subject to:

a. Full renewal for a maximum of one (1) additional year of financial support;

b. 50% tapering of the identified computation, reflecting the current socio-economic reality of the client;

c. Non-renewal of financial support, where continued assistance is deemed no longer necessary;

d. Referral/priotization for long-term social accommodation.

Barra minn hekk, applikanti li jibbenefikaw minn din l-iskema ma jkunux eliġibbli għal allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali matul l-istess perjodu. Dan jiżgura li l-iskema tibqa' distinta u mmirata, u ffukata fuq għajnuna immedjata u temporanja lil superstiti ta' vjolenza domestika, mingħajr ma tikkoinċidi ma' soluzzjonijiet fit-tul ta' akkomodazzjoni soċjali.

L-Awtorità tad-Djar tiffirma kuntratt mal-applikant li ser jibbenefika minn din l-inizjattiva. Minbarra rekwiżiti oħra skont il-proċeduri ġenerali tal-Awtorità tad-Djar, il-kuntratt jinkludi klawsola li tgħid li l-aggressur ma jistax jiġi mistieden fil-proprjetà għaliex dan jista' jwassal għat-telf ta' benfiċċju taħt din l-skema. Din it-tneħħija tkun suġġetta għad-diskrezzjoni professjonali ta' social workers fi ħdan il-FSWS u/jew l-AACC, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal meta jkun hemm invażjoni jew abbuż mill-aggressur, jew meta jkun hemm prova li l-aggressur qed jipparteċipa b'mod attiv fil-programm Stop! The Violence and Abuse għall-aggressuri.

Id-9 ta' Jannar, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema ta' Equity Sharing- 2019

B'referenza għall-Iskema Equity Sharing- 2019 ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Mejju 2019, l-Awtorita' tad-Djar tixtieq tagħmel dawn l-emendi:-

(a) Temenda Klawsola 1 biex taqra kif ġej:

1. Titolu u l-għan tal-iskema

Din l-iskema hija intiża għal applikanti li ma jistgħux jixtru r-residenza tagħhom mingħajr l-għajnuna tal-Awtorità tad-Djar. L-iskema msejħa Skema ta' Equity Sharing ser tapplika għal persuni 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) sena li jitħajru jixtru d-dar tagħhom billi jixtru mhux anqas minn nofs il-prezz tal-proprjetà waqt li r-rimanenti jkun irid jinxtara aktar 'il quddiem. L-Awtorità tad-Djar, minn naħa tagħha ser tixtri s-sehem mhux akkwistat mill-applikanti liema sehem ikun ta' mhux aktar minn nofs il-proprjetà. Wara l-għoxrin (20) sena, l-applikanti ser ikollhom l-obbligu li jixtru s-sehem mixtri mill-Awtorità tad-Djar bl-istess prezz akkwistata minnha.

L-APS Bank plc, soġġett li jiġu sodisfatti l-kriterji kollha tal-Bank, ser jagħti self sa massimu ta' €200,000 sabiex tinxtara proprjetà fi stat finished u abitabbli, jew fi stat shell li tista' titlesta għal stat abitabbli iżda dan biss fejn l-ispiża totali tax-xiri u l-finishing ma teċċedix €250,000.

(b) Temenda Klawsola 5 sub Klawsoli (a) sa (e) biex jaqraw kif ġej:

Furthermore, any successful applicants benefiting under this scheme shall not be eligible for social housing allocation during the same period. This measure ensures that the scheme remains distinct, targeted, and focused on providing immediate and transitional support to survivors of domestic violence without overlapping with long-term social housing pathways.

The Housing Authority shall sign a contract with an approved applicant. Amongst the various requirements for compliance as per Housing Authority general procedures, the contract shall include a clause whereby the perpetrator shall not be invited to the property as this may result in termination of benefit under this scheme. This termination however shall be subject to professional discretion by social workers within the FSWS and/or AACC, with exceptional circumstances arising from any invasion or abuse by the perpetrator or evidence of active engagement of the perpetrator in the Stop! The Violence and Abuse perpetrator programme.

9th January, 2026

HOUSING AUTHORITY

Equity Sharing Scheme - 2019

With reference to Equity Sharing Scheme published in the Government Gazette of the 21st May 2019, the Housing Authority wishes to affect the following amendments:-

(a) Amend Clause 1 to read as follows:

1. Title and aim of the scheme

This scheme is intended for those applicants who are unable to purchase their residence without the help of Housing Authority. The Scheme, entitled Equity Sharing Scheme will apply for persons over the age of twenty-five (25), who intend to buy their residence by purchasing at least fifty per cent of the property whilst the rest will have to be purchased by them at later stage. On the other side, the Housing Authority will purchase itself the remaining portion not purchased by the applicants which should not be more than fifty percent of the property. After twenty (20) years, the applicants will be obliged to purchase the Housing Authority's share by paying the same price paid by the Authority Housing.

APS Bank plc, subject to all bank's criteria being satisfied, will be granting applicants a maximum loan up to €200,000 to purchase a property in finished and habitable state or in shell form state which can be rendered to a habitable state at the total expense of €250,000.

(b) Amend Clause 5 sub clauses (a) to (e) to read as follows:

5. Min jista' japplika

Jistgħu japplikaw għal din l-iskema, dawk il-persuni li sad-data tal-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, ikunu:

(a) koppji miżżewġin jew żewġ persuni imsieħba f'Unjoni Ċivili - wieħed mill-applikanti jrid jkollu 25 sena fid-data tal-applikazzjoni;

(b) ġenitur wieħed ʾl fuq minn 25 sena li jkollu tifel/tifla jew tfal jgħixu miegħu li mhumiex miżżewġin;

(c) żewġ persuni flimkien - wieħed mill-applikanti jrid jkollu 25 sena fid-data tal-applikazzjoni;

(d) ġuvni jew xebba ʾl fuq minn 25 sena;

(e) persuna legalment separat/a ʾl fuq minn 25 sena mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha.

(c) Temenda Klawsola 8 sub Klawsola (d) biex taqra kif ġej:

8. Kwalifiki meħtieġa

Fl-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern l-applikanti f'kull każ iridu wkoll jissodisfaw dawn il-kriterji:

(d) Matul is-sena preċedenti tal-applikazzjoni, id-dħul annwali m'għandux jaqbeż il-limiti massimi li ġejjin kemm għall-individwi kif ukoll għall-applikanti konġunti:

Età	Dħul Massimu
25 – 29	€20,000
30 – 34	€25,000
35 – 39	€30,000
40 +	€40,000

Id-9 ta' Jannar, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

5. Who can apply

The following categories of persons, who on the date of the first publication of this advert in the Government Gazette, can apply under this scheme:-

(a) one of the applicants must be 25 years old on date of application in case of married couples / two persons who have entered into a Civil Union;

(b) single parents over 25 years of age with an unmarried son/daughter or unmarried children living with him/her;

(c) one of the applicants must be over 25 in case of two persons applying jointly;

(d) single persons aged 25 years or over;

(e) legally separated persons over 25 years of age without children living with her/him the whole time.

(c) Amend Clause 8 sub clause (d) to read as follows:

8. Qualifications to apply

On the date of publication of this Advert in the Government Gazette, the applicants should in all circumstances satisfy the following criteria:-

(d) during the preceding year of application, the yearly income should not exceed the following maximum thresholds for both individuals and joint applicants:

Age Bracket	Maximum Income
25 - 29	€20,000
30 – 34	€25,000
35 – 39	€30,000
40 +	€40,000

9th January, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.